**Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

# Inizjattivi Ambjentali 2020

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar bi pjaċir qed iniedi skema ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu għal inizjattivi ambjentali f'dawn iż-żewġ inizjattivi:

1. Proġetti ambjentali bil-għajnuna tad-**Development Planning Fund** tal-Awtorità tal-Ippjanar li ma jikkwalifikawx għall-100% tal-fondi. L-għajnuna finanzjarja tar-Reġjun tista' tiffinanzja dik l-ispiża jew parti minnha li ma tkunx koperta minn dawn il-fondi.

2. Ħlas ta' studju u xogħlijiet ambjentali oħra relatati mal-Inizjattiva **Slow Streets**. Ix-xogħlijiet ambjentali jridu jsiru f'dawk iż-żoni li se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u magħluqin għat-traffiku f'ċertu ħinijiet u ġranet.

Ir-Reġjun qed jalloka sa massimu ta' ħamest elef ewro (€5,000) lil kull Kunsill Lokali li jistgħu jintużaw fuq waħda jew jitqassmu bejn iż-żewġ inizjattivi. F'kull każ iridu jiġu pprovduti l-approvazzjoni tal-proġett sottomess mill-Kunsill Lokali mill-entitajiet responsabbli. Fil-każ tad-Development Planning Fund, flimkien mal-approvazzjoni jrid jiġi pprovdut ukoll dettall tal-ispiża totali u kemm se tkun ir-rifużjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Kriterji li jridu jinżammu:

1. Il-Kunsill Lokali għandu jtella' ritratti fuq il-Facebook page uffiċjali tiegħu u fil-kummenti jitniżżel li dan il-proġett qed isir bil-għajnuna wkoll ta' fondi mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

2. Ir-rifużjoni tingħata wara li jsiru x-xogħlijiet fuq preżentazzjoni tal-irċevuti u wara li tkun ġiet issodisfata kriterja 1.

Il-proposti flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett għandhom jintbagħtu bil-miktub lir-Reġjun u jitressqu għall-approvazzjoni quddiem il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Dawn se jkunu qed jintlaqgħu sas-17 ta' Settembru 2020. Il-Kunsilli Lokali li jonqsu li jibagħtu l-proposti tagħhom sad-data stipulata mhux se jkollhom dawn il-fondi allokati.

Proġetti li jistgħu jsiru permezz tad-Development Planning Fund:

- **New Parking Facilities** (up to 70%:GBI up to 90%)
- **Facilities intended to improve public transport** (up to 70%: GBI up to 90%)
- **Alternatives for more sustainable travelling modes** (up to 70%)
- **Gardens and landscaping areas** (up to 70%: GBI up to 100%)
- **Playing fields** (up to 70%: GBI up to 90%)
- **Traffic Management schemes including the implementation of sustainable urban transport plans aimed at reducing the impact on air pollution, noise, congestion and CO2 emissions** (up to 70%)
- **Street lighting** (up to 70%)
- **Street furniture / permeable pavements** (up to 70%)
- **Public Convenience** (up to 70%)
- **Facilities for the Disabled** (up to 80%)
- **Green Transport modes** (up to 70%)
- **Projects using methods of sustainable construction such as energy efficient buildings, which aim at decreasing CO2 emissions** (up to 70%)
- **Restoration of cultural heritage immovable property in the public domain** (up to 70%: GBI up to 90%)
- **Green Streets and Alleys** (up to 70%: GBI up to 90%)

Il-persentaġġ immarkat bl-aħmar hu l-fond li se jkun qed jitħallas mill-Awtorità tal-Ippjanar. GBI tfisser Green Blue Initatives kif inhu stipulat f'sezzjoni 4.0 taċ-Ċirkulari 2/20.